**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 611/2017**

**Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA)**

**vs**

**Swiss International Air Lines Ltd. u**
**International Air Transport Association**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-assocjazzjoni attrici tal-5 ta' Lulju, 2017 li jghid hekk:

ILLI l-Assocjazzjoni Rikorrenti tirrapprezenta l-interessi kummercjali tal-Agenti tal-lvjaggar f'Malta, li huma membri tal-FATTA;

ILLI taghmel referenza ghall-kommunikazzjoni mahruga mis-socjeta intimata ndirizzata lill-agenti kollha tal-ivjaggar lokali li huma akkreditati mal-International Air Transport Association (IATA) li permezz taghha, infurmathom illi b'effett mill-1 ta' Lulju, 2017, ser isehh tnaqqis fir-rata tal-kummissjoni pagabbli mis-socjeta intimata lill-istess agenti tal-ivjaggar, u cioe tnaqqis minn 1% ghal 0.1% fuq kull biljett tal-ajru tas-socjeta intimata li jinbiegh mill-Agent tal-lvjaggar;

ILLI tali riduzzjoni fil-kummissjoni pagabbli ilha tigi redott mis-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u cioe minn kummissjoni pagabbli ta' 9%, is-socjeta intimata bdiet tnaqqas tali kummissjoni kull ftit zmien, u sahansitra qedha issa tinponi kummissjoni ta' 0.1%;

ILLI tali decizjoni da parti tas-socjeta intimata hija kkonsidrata bhala wahda unilaterali u arbitraria, li jekk tidhol fis-sehh, ser tisforza lill-istess agenti tal-ivjaggar,

membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti, jikkunsidraw bis-serjeta jibqghux jahdmu bhala agenti tal-ivjaggar peress li l-kummissjoni ta’ 0.1% pagabbli lilhom ser tkun wahda redikola ghall-ahhar u finanzjarjament mhux vijabbli;

ILLI l-agenti tal-ivjaggar isostnu li tali sitwazzjoni ma tista’ qatt tkun accettatabbli aktar u aktar meta s-socjeta intimata, bhala linja tal-ajru ewlenija, appuntu ghazlet li tikser Resoluzzjoni Numru 824 tal-Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) li wara kollox kien minnha ffirmat tramite l-International Air Transport Association [IATA], specifikatament Artikolu numru 9, li jikkontempla li kull agent tal-ivjaggar ghandu ikun mhallas rimunerazzioni ghas-servizz rez minnu (sottolinear ghall-enfazi) ghal linja tal-ajru;

ILLI skont ir-Resoluzzjoni de quo, tali kummissjoni ghandha tithallas ukoll fuq kull servizz iehor ancillari apparti l-bejgh ta' trasportazzjoni fl-ajru;

ILLI l-Assocjazzjoni rikorrenti ssostni li apparti li s-socjeta intimata ser tkompli tikser l-imsemmi PSAA, tali agir irresponsabbli da parti tas-socjeta intimata huwa kkunsidrat ukoll mill-Assocjazzjoni rikorrenti bi ksur tal-provvedimenti relattivi tal-Kodici Kummercjali kif ukoll tal-principju fundamentali tal-kompetizzjoni gusta kontra l-prattika miftiehma [concerted practice] bejn is-socjeta intimata u kumpaniji tal-ajru ohra li Ikoll mponew l-kummissjoni pagabbli ta' 0.1% u dan sahansitra fl-istess data, hekk kif kontemplat fil-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta;

ILLI di piu, l-Assocjazzjoni rikorrenti tirrileva li s-socjeta intimata qed tikser ukoll il-provvedimenti tal-principju fundamentali tal-kompetizzjoni gusta kontra l-abbuz ta' dominanza hekk kif kontemplat fil-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sahansitra meta s-socjeta intimata qed tinghaqad ma' socjetajiet tal-ajru ohra u jidhlu fi ftehim ta' hlas ma' certu agenti tal-ivjaggar;

ILLI konsegwenza ta' hekk l-agenti tal-ivjaggar membri tal-FATTA ser jbatu finarzjarjament minhabba t-tnaqqis fuq imsemmi mpost fuqhom arbitrarjament mis-socjeta intimata, aktar u aktar meta skont ir-Resoluzzjoni 824, tali rimunerazzjoni "shall constitute full compensation for the services rendered to the Carrier";

ILLI l-International Air Transport Association [IATA] li suppost hija l-entita li ghandha tissalvagwardja l-Passeger Sales Agency Agreement (PSAA) f'kull aspett tal-imsemmi ftehim, baqghet passiva fil-konfront tal-ksur lampanti da parti tas-socjeta intimata;

ILLI nonostante li l-Assocjazzjoni rikorrenti kienet intavolat protest gudizzjarju kontra s-socjeta intimata, mhux biss baqghet nadempjenti izda njorat ghal kollox dak li dwaru kien imsemmija fil-protest gudizzjarju de quo;

ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

ILLI konteswalement ma' din il-kawza qed jigi intavolat Mandat ta' Inibizzjoni biex jigi mwaqqaf l-abbuz ta' dominanza odjern;

GHALDAQSTANT, in vista tal-premess, l-Assocjazzjoni rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha

1. Tiddikjara li s-socjeta intimata qedha tagixxi rregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 824 tal-Passenger Sales Agreement (PSAA) specifikatament Artikolu Numru 9;

2. Tiddikjara li s-socjeta ntimata qedha tagixxi bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta li tirregola l-Kompetizzjoni Gusta;

3. Tiddikjara li s-socjeta ntimata qedha tagixxi bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta li tirregola l-Kompetizzjoni Gusta;

4. Tiddikjara li s-socjeta ntimata qedha tagixxi bi ksur tal-artikoli tal-Kodici tal-Kummerc u cioe Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom unikament responsabbli ghal danni rizultanti mill-agir irregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 824 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) kif ukoll in vjolazzjoni tal-Artikoli 5 u 9 ta' Kap. 379 tal-Ligijiet ta'Malta;

6. Tillikwida d-danni sofferti mill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti;

7. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;

8. Tiffissa kummissjoni adegwata li s-socjeta intimata ghandha thallas lill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti fuq kull biljett tal-ajru u servizzi ancillari kif kontemplat fir-Resoluzzjoni Numru 824;

9. Tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas tali kummissjoni fuq kull biljett u servizzi ancillari hekk iffissata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluz tal-protest gudizzjarju, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-International Air Transport Association li tghid hekk:

1. Preliminarjament, il-karenza ta' interess guridiku li trid il-ligi sabiex il-federazzjoni attrici tressaq din l-azzjoni partikolarment billi titlob li jigu likwidati danni sofferti minn terzi u l-hlas tal-istess danni likwidati lil terzi;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-assocjazzjoni esponenti mhijiex legittimu kuntradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi la ghandha s-setgha u lanqas l-interess li tidhol f'arrangamenti bejn is-socjeta vetturali konvenuta u l-federazzjoni attrici jew membri taghha liema arrangamenti huma res inter alios acta ghall-esponenti;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-assocjazzjoni esponenti ma hadet ebda decizjoni minn dik li qed tilmenta minnha l-federazzjoni attrici u ghalhekk ma ghandha twiegeb ghall-ebda danni;

4. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront tal-assocjazzjoni esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

In sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet, l-esponenti kif rapprezentata tiddikjara dan li gej:

1. Illi l-assocjazzjoni esponenti hija assocjazzjoni ghall-industrija internazzjonali tat-trasport bl-ajru stabbilita bhala organizzazzjoni minghajr Skop ta' qligh u mhux governattiva;

2. Illi l-assocjazzjoni esponenti, bhala agent amministratur, tirrapprezenta l-interessi tal-linji tal-ajru li huma membri taghha kif ukoll l-industrija tat-trasport tal-ajru b'mod generali u hija responsabbli ghall-promozzjoni u l-bejgh kif imiss tat-trasport internazzjonali tal-ajru minn agenti akkreditati li joperaw minn lokalitajiet approvati a bazi ta' proceduri kummercjali stabbili;

3. Illi l-esponenti toffri servizzi lill-industrija tat-trasport bl-ajru inkluz fir-rigward ta' pagamenti u sistemi ta' pagament ta' biljetti tal-ajru maghmula minn agenti tal-ivvjaggar u dan permezz ta' sistema elettronika imsejjha "Billing and Settlement Plan (BSP)";

4. Illi madwar id-dinja, il-bejgh tal-biljetti tal-ajru lill-passiggieri jsir jew mil-linji stess jew permezz ta' agenti tal-ivvjaggar, li jistghu jaghzlu li jidhlu fil-"Passenger Agency Programme" amministrat mill-esponenti li jawtorizza lill-agenti sabiex ibieghu biljetti direttament, kif awtorizzati mil-linji tal-ajru;

5. Illi d-decizjoni ta' jekk agenzija tidholx fil-Passenger Agency Programme tvesti unikament fl-agenzija tal-ivvjaggar;

6. Illi kwalsiasi haga relatata ma' drittijiet tal-agenti, kummissjonijiet jew kumpens tal-agenziji tal-ivvjaggar tohrog 'il barra mill-ghanijiet tal-esponenti u tal-arrangamenti kummercjali bejn l-agenziji tal-ivvjaggar u l-vetturali sal-punt li l-esponenti ma tidholx fil-materja;

7. Illi l-Passenger Sales Agency Agreement, jipprovdi espressament f'Art. 3.1 li "the agent is authorized to sell air passenger transportation on the services of the Carrier and on the services of other air carriers as authorized by the carrier". Imbaghad ikompli jipprovdi f'Art. 3.2 li "all services sold pursuant to this agreement shall be sold on behalf of the carrier and in compliance with carriers tariff's, condition of carriage and the written instruction ofthe carrier as provided to the Agent"; fil-waqt li f'Art. 7.2 hemm provdut li "all monies collected by the agent for transportation and ancillary services sold under this agreement, including applicable remuneration which the agent is entitled to claim thereunder, are the property of the carrier and must be held by the agent in trust for the carrier on behalf of the carrier until satisfactorily accounted for to the carrier and settlement made". Dwar ir-rimunerazzjoni tal-agenti, Art. 9 jipprovdi li: "for the sale of air transportation and ancillary services by the agent under this agreement the carrier shall remunerate the agent in a manner and amount as may be stated from time to time and communicated to the agent by the carrier.

Such remuneration shall constitute full compensation for the services rendered to the Carrier";

8. Illi jsegwi li l-esponenti ma tidholx fl-arrangamenti kummercjali bejn l-agenti tal-ivvjaggar u l-vetturali bl-ajru u ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti, ma jistghux jimexxu;

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata ta' Swiss International Airlines Limited li tghid hekk:

Id-difiza:
1. In linea preliminari, jezistu r-rekwiziti tal-art. 793 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li dawn il-proceduri huma konnessi kif jehtieg l-imsemmi artikolu ma proceduri ohrajn fl-ismijiet:
(i) Federated Association of Travel Agents and Tourism Agents (FATTA) (registered number 289 under the Employment and Industrial Relations Act) vs Brussels Airlines u International Air Transport Association (IATA) (Rikors Guramentat numru 609/2017MCH);
(ii) Federated Association of Travel Agents and Tourism Agents (FATTA) (registered number 289 under the Employment and Industrial Relations Act) vs Austrian Airlines u International Air Transport Association (IATA) (Rikors Guramentat Numru 610/2017AF); u
(iii) Federated Association of Travel Agents and Tourism Agents (FATTA) (registered number 289 under the Employment and Industrial Relations Act) vs Deutsche Lufthansa u International Air Transport Association (IATA) (Rikors Guramentat Numru 612/2017LM);
liema proceduri jinsabu prezentement appuntati biex jinstemghu quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta minn lmhallfin differenti, hlief ghal dawk bin-numru 609/2017MCH u liema proceduri jinsabu appuntati ghat-3 ta' Ottubru 2017, is-16 ta' Novembru 2017 u t-28 ta' Settembru 2017 rispettivament.

2. In linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li tiehu konjizzjoni ta', u taqta' u tiddeciedi, it-talbiet f'din il-kawza li jirrigwardaw: (i) il-Passenger Sales Agency Agreement; u (ii) il-Kodici tal-Kummerc (Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. In linea preliminari ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, skont l-Artikolu 27 (1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta), din il-Qorti ghandha tibghat l-atti lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) sabiex jipprezenta rapport fuq il-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni mqajjma quddiemha u l-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni ta' dak ir-rapport fil-konsiderazzjonijiet taghha, u kull sottomissjoni dwaru maghmula mill-partijiet u mid-Direttur Generali qabel ma jigi deciz il-kaz fuq il-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni mqajma quddiemha.

4. In linea preliminari ukoll, l-assocjazzjoni rikorrenti ghandha tipprova li l-membri li hi tghid li qed tirrapprezenta huma membri taghha u wkoll membri tal-assocjazzjoni konvenuta l-ohra u cioe l-International Air Transport Association;

5. In linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjoni li s-Swiss International Airlines qed tagixxi bi ksur tal-Kodici Kummercjali (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta), ma tistax tigi kkunsidrata minn din l-0norabbli Qorti meta r-rikorrenti tistrieh fuq id-dispozizzjonijiet kollha tal-Kodici Kummercjali b'mod generali minghajr ma tindika liema dispozizzjonijiet huma allegatament miksura minn Swiss International Airlines; fl-eventwalita li r-rikorrenti tithalla tissana dan in-nuqqas u tindika liema dispozizzjonijiet qed tilmenta minnhom, is-socjeta intimata tirrispondi li hi ma kisret ebda dispozizzjonijiet tal-Kodici Kummercjali.

6. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata ma kisritx l-Artikolu Numru 9 tar-Rizoluzzjoni Numru 824 tal-Passenger Sales Agency Agreement ("PSAA") kif allegat.

7. Fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata lanqas ma agixxiet bi ksur tal-Artikoli 5 u 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni.

8. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata ma kkawzatx danni lill-agenti membri tal-assocjazzjoni rikorrenti u fi kwalunkwe kaz, jispetta lill-assocjazzjoni rikorrenti li tipprova dawn id-danni u wkoll li (jekk tassew sofriet xi danni, li huwa kkontestat) li ppruvat timminimizzahom.

9. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba numru tmienja ma tistax tintlaqa' stante Ii din I-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-kompetenza Ii tintervjeni f'dik Ii hija purament relazzjoni kummercjali bejn is-socjeta esponenti u agenti tal-ivvjaggar, akkreditati mill-lATA, bil-ghan Ii jigi stabbilit quantum "adegwat" ta’ kummissjoni fuq kull biljett tal-linja tal-ajru u hlasijiet ancillari Ii ghandhom jithallsu lill-agenti u dan minbarra l-fatt Ii r-Rizoluzzjoni Numru 824 bl-ebda mod ma tirregola l-ammont ta' kummissjoni Ii ghandu jithallas u lanqas Ii jehtieg Ii l-ammont ta' kummissjoni jkun "adegwat".

BI-ispejjez.

II-fatti
1. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, l-assocjazzjoni rikorrenti jehtieg Ii tipprova lil liema agenti qed tirrapprezenta u wkoll Ii dawn huma membri mhux biss taghha bhala assocjazzjoni, izda wkoll Ii huma agenti akkreditati tal-IATA;

2. Fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-rikors guramentat, mhuwiex kontestat Ii ntbaghtet din il-komunikazzjoni;

3. Fir-rigward tat-tielet paragrafu, jidher Ii d-data tal-1999 indikata mill-assocjazzjoni rikorrenti mhix korretta, madankollu mhux kontestat Ii l-kummissjoni pagabbli ilha tigi ridotta gradwalment matul is-snin u dan madwar id-dinja;

4. Fir-rigward tar-raba' u l-hames paragrafu, Swiss International Airlines tirrispondi Ii dejjem kienet fid-diskrezzjoni tagha Ii tistabilixxi l-ammont ta' kummissjoni Ii ghandha tithallas lill-agenti tal-ivvjaggar tal-lATA u dan skond il-PSAA. Jigifieri, l-ammont ta’ kummissjoni ma jigix nnegozjat jew diskuss mal-agenziji tal-ivvjaggar izda l-kummissjoni pagabbli hija kkomunikata unilateralment mil-linja tal-ajru lill-agent tal-ivvjaggar, minn zmien ghal zmien u dan skond kif inhi awtorizzata Ii taghmel skond il-

PSAA. In oltre, din il-kwistjoni ta' kummissjoni pagabbli ser tigi wkoll iccarata waqt il-provi ta' dawn il-proceduri ghaliex hija l-agenzija tal-ivvjaggar stess, mhux il-linja tal-ajru nnifsha, li tiddeciedi li tbiegh biljetti tal-ajru u dan minghajr ebda riskju ghall-agent tal-ivvjaggar. In oltre, ir-rata ta' kummissjoni pagabbli ilha tonqos progressivament ghall-ahhar ghoxrin sena madwar l-Ewropa kollha u sahansitra, f'xi pajjizi, l-kummissjoni pagabbli lill-agenti tal-ivvjaggar spiccat ghal kollox;

5. Fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors guramentat, jinghad li qatt ma kien il-kaz li thallset kummissjoni fuq servizzi ancillari, fost ohrajn ghaliex ma hemn l-ebda tali servizz li qed jigi rez;

6. Fir-rigward tal-paragrafu seba', huwa ddikjarat li Swiss International Airlines qed jikser il-Kodici Kummercjali u dahal fi prattika miftiehma bi ksur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni. Fir-rigward tal-Kodici Kummercjali, il-posizzjoni tas-socjeta intimata hija riservata kif fuq jinghad. Fir-rigward tal-ksur tal-artikolu numru 5 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta, jidher li hawnhekk l-assocjazzjoni rikorrenti qed tilmenta mill-fatt li l-erba' linji tal-ajru (li huma konvenuti fil-kawzi numri 609/2017MCH; 610/2017MCH; u 612/2017LM) ddecidew li jnaqqsu l-kummissjoni bl-istess mod. Jekk dan huwa l-ilment, il-posizzjoni tas-socjeta intimata hi li ma hemm l-ebda ksur tal-art. 5 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta stante li din id-decizjoni li titnaqqas il-kummissjoni hija biss ir-rizultat ta' decizjoni kummercjali mehuda minn grupp ta’ kumpaniji - u cioe l-Grupp Lufthansa - li skont ir-regoli tal-kompetizzjoni huwa 'entita ekonomika wahda'. Bhala rizultat ma jistax ikun hemm ftehim illegali bejn il-linji tal-ajru fi hdan dan il-grupp;

7. Fir-rigward tal-paragrafu tmienja, jinghad fl-ewwel lok illi ghalkemm l-assocjazzjoni rikorrenti tinvoka l-ksur tal-art. 9 tal-Kap. 379, dan taghmlu minghajr ma almenu tindika suq rilevanti f'liema allegatament is-socjeta intimata qed tagixxi b'abbuz ta' dominanza. Id-determinazzjoni tas-suq, naturalment, taghmel differenza kbira ghal din l-analizi. Fit-tieni lok, wara li ghandu jigi stabbilit dan, is-socjeta intimata tirrispondi illi thares lejn liema suq thares, is-socjeta intimata (la wahedha u lanqas mal-linji tal-ajru l-ohra - li presumibbilment huma Brussels Airlines, Austrian Airlines u Deutsche Lufthansa li jiffurmaw parti mill-istess grupp Lufthansa) mhijiex dominanti u konsegwentement ma agixxietx bi ksur tal-art. 9 tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fir-rigward tal-paragrafu disa', naturalment is-socjeta intimata ma tistax tikkummenta qabel ma tara l-prova ta' dan il-fatt. Madankollu izzid tghid li mhuwiex minnu li l-agenti ser ibatu t-tbatija li qed jghidu li ser ibatu u dan kif ser jigi muri f'aktar dettall waqt is-smigh ta' din il-kawza;

9. Fir-rigward tal-paragrafu ghaxra, is-socjeta esponenti twiegeb li ma tistax tirrispondi ghall-Assocjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru;

10. Fir-rigward tal-paragrafu hdax, is-socjeta intimata tiddikjara li hija rceviet protest gudizzjarju madankollu ma lahqitx irrispondiet ghalih ghaliex kienet qed tiddiskuti r-risposta mal-avukati taghha meta mbaghad fil-5 ta' Lulju 2017 gie pprezentat mandat ta' inibizzjoni (bin-numru 985/2017) bl-istess ilmenti li kienu gew indirizzati fil-protest u li gie deciz kontra l-istess assocjazzjoni rikorrenti fid-19 ta' Lulju 2017;

11. Fir-rigward tal-bqija tal-paragrafi u t-talbiet, is-socjeta intimata tistrieh fuq dak fuq espost diga.

Ghar-ragunijiet kollha sopracitati, u b'riserva ghal kull rimedju u/jew azzjoni ohra spettanti lilhom skond il-ligi, is-socjeta intimata hi tal-fehma li t-talbiet kollha tal-assocjazzjoni rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv difizi ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghal sentenza preliminari rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-IATA, l-eccezzjoni tas-socjeta Swiss International dwar il-gurisdizzjoni u t-talbiet attrici rigward ksur tal-artikoli 5 u 9 tal-Kap. 379.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni fejn l-assocjazzjoni tal-agenti tal-ivvjaggar f'Malta qed tilmenta minn tnaqqis fir-rata ta' kummissjoni imhallsa mill-linja tal-ajru ghal bejgh ta' biljetti tal-ajru mibjugha mill-agent tal-ivvjaggar. Issostni li dan it-tnaqqis unilaterali kiser rizoluzzjoni 824 senjatament artikolu 9 tal-Passenger Sales Agency Agreement iffirmat minnha tramite l-International Air Transport Association. In oltre dan l-agir tal-linja tal-ajru jmur kontra artikolu 5 u 9 tal-Kap. 379 u l-Kapitolu 13 tal-Kodici tal-Kummerc.

**Eccezzjonijiet preliminari**

Is-socjeta Swiss International Airlines laqghet ghal din l-azzjoni billi tghid li l-Qrati Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu din il-kawza fejn jirrigwarda l-passenger sales agency agreement u l-Kodici tal-Kummerc. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan peress illi l-kwistjoni tirrigwarda allegata vjolazzjoni ta' ftehim (passenger sales agency agreement) bejn il-linja tal-ajru rapprezentata fuq il-ftehim mill-konvenuta IATA u indirettament l-assocjazzjoni Maltija li tirrapprezenta l-interess tal-agenti tal-ivvjaggar f'Malta li jkunu iffirmaw individwalment tali ftehim (ara fol. 85 et seq. tal-process 609/2017MCH). Din il-kontenzjoni hi fondata fuq ftehim li l-esekuzzjoni tieghu (cioe l-bejgh tal-biljetti tal-linja tal-ajru) ghandu jsir f'Malta billi l-agent hu f'Malta u l-probabilta hi li l-bejgh tal-biljett ser isir mill-agent f'Malta f'isem il-linja tal-ajru, u l-kummissjoni fuq il-bejgh allura ser tithallas f'Malta lil agent f'Malta. L-assocjazzjoni attrici issostni li din il-vjolazzjoni tal-ftehim tmur kontra l-artikolu 5 u 9 tal-Kap. 379 u l-Kodici tal-Kummerc. L-artikolu 742(f) tal-Kap. 12 jistabilixxi l-

gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghal kull obbligazzjoni kontrattata favur assocjazzjoni li topera f'Malta jekk is-sentenza tista' tigi enforzata f'Malta. Billi l-kumpaniija Deutsche Lufthansa li hi proprjetarja tal-linja tal-ajru Swiss International Airlines li topera wkoll minn Malta, allura s-sentenza hi enforzabbli f'Malta. Di piu l-Qorti issib li hemm gurisdizzjoni ai termini tal-artikolu 7 tal-EU Regulation 1215/2012 fejn persuna domiciljat fi stat membru jista' jigi mharrek fi stat membru iehor f'kaz ta' rabta kontrattwali fejn qed jinghata servizz, u l-ezekuzzjoni ta' tali servizz isir fl-istat fejn qed issir il-kawza [7(1)(a)(b)].

In kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-IATA li l-assocjazzjoni attrici ma ghandhiex interess guridiku taghmel din il-kawza, apparti l-fatt li ma ngiebet ebda prova dwar dan l-allegat nuqqas ta' interess, il-Qorti issib li l-assocjazzjoni attrici ghandha kull interess, f'isem l-agenti tal-ivvjaggar Maltin li tirrapprezenta, li tmexxi azzjoni fil-konfront ta' dawk il-linji tal-ajru li fil-fehma taghha qed jivvjolaw ftehim bejn l-istess linja tal-ajru u l-agent tal-ivvjaggar rapprezentat minnha.

Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Konsiderazzjoni dwar l-allegat ksur tal-artikoli 5 u 9 tal-Kap. 379**

L-assocjazzjoni attrici tallega illi d-decizjoni unilaterali li tbaxxi r-rata ta' kummissjoni ghall-agenti f'Malta ghal 0.1 fil-mija tikser il-provvedimenti tal-kompetizzjoni gusta kontra l-prattika miftehma (concerted practice) bejn is-socjeta Swiss International Airlines u kumpanija ohra tal-ajru (fil-kaz Austrian Airlines AG, Deutsche Lufthansa Aktiengesellschaft, u Brussels Airlines) li lkoll imponew l-istess kummissjoni fl-istess data bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 (artikolu 101 tat-TFEU). Izzid li s-socjeta Swiss International Airlines qed tikser ukoll il-principju tal-kompetizzjoni gusta kontra l-abbuz ta' dominanza meta s-socjeta konvenuta qed tinghaqad ma' socjetajiet tal-ajru ohra u jidhlu fi ftheim ta' hlas ma' certu agenti tal-ivvjaggar bi ksur tal-artikolu 9 tal-Kap. 379 (artikolu 102 tat-TFEU).

Jibda biex jinghad li skont l-artikolu 27(1) tal-Kap. 379 meta tqum kwistjoni fi proceduri civili dwar ksur tal-ligi tal-kompetizzjoni senjatament l-artikoli 5 u 9 il-Qorti trid twaqqaf il-proceduri sabiex id-Direttur Generali tal-Kompetizzjoni jhejji rapport fuq

il-kwistjonijiet tal-kompetizzjoni mqajma u l-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni tar-rappport u s-sottomissjonijiet tal-partijiet. F'dan il-kaz hekk sehh u l-Ufficcju tal-kompetizzjoni pprezenta r-rapport tieghu. Il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx sottomissjonijiet x'jaghmlu fuq ir-rapport.

Ghalkemm ir-rapport huwa prova pero hi prova importanti u indipendenti mill-partijiet maghmul mill-Ufficcju imwaqqaf bil-ligi biex jinvestiga allegazzjoni ta' ksur tal-ligi tal-kompetizzjoni. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti li l-konkluzzjonijiet tar-rapport ghandhom piz konsiderevoli fid-deliberazzjoni tal-Qorti.

Kif inghad l-assocjazzjoni attrici tallega li sar 'concerted practice' mill-linji tal-ajru fuq imsemmija biex titnaqqas ir-rata ta' kummissjoni mhallsa mill-linji tal-ajru lil agenti bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379. Dan l-artikolu jippresupponi illi sar ftehim jew prattika miftehma bejn 'intraprizi' bl-intiza li jipprevjenu, jaghmlu distorsjoni jew jirrestringu l-kompetizzjoni f'Malta. Bla dubju l-linji tal-ajru involuti huma intraprizi li joperaw attivita kummercjali u li ghalhekk jaqghu fl-ambitu tal-artikolu 5. Billi l-applikazzjoni tal-artikolu 5 jinvolvi pluralita ta' intraprizi, dan l-artikolu ma japplikax fejn l-allegata lezjoni tkun qed issir minn intrapriza wahda. Fil-kawza **Centrafarm vs Sterling Drug** (case C-15/74, 1974 para 41) il-Qorti Ewropea qieset:

> Article 85, (today article 101 of the TFEU) however is not concerned with agrements or concerted practices between undertakings belonging to the same concern and having the status of parent company and subsidiary, if the undertakings form an economic unit within which the subsidiary has no real freedom to determine its course of action on the market, and if the agreements or practices are concerned merely with the internal allocation of tasks as between the undertakings.

Il-Qorti tirreferi ghad-dokumenti pprezentati quddiem l-Ufficcju tal-kompetizzjoni senjatament l-ittra mibghuta mill-erba' linji tal-ajru cioe Swiss International Air Lines, Lufthansa, Brussels Airlines u Austrian Airlines bir-riduzzjoni tal-kummissjoni, b'effett mill-1 ta' Lulju 2017. Rat ukoll l-annual report tal-Lufthansa Group ghall-2017 minn fejn jidher illi l-holding company hi Deutsche Lufthansa AG li hi proprjetarja tal-linji tal-ajru sussidjarji taghha Lufthansa, Swiss International, Austrian Airlines u Brussels Airlines. Kwindi l-allegazzjoni attrici tfalli peress illi ma hemmx intraprizi diversi involuti izda intrapriza wahda b'varji sussidjarji kollha taht kappa wahda.

L-assocjazzjoni attrici tallega wkoll illi l-istess Swiss International Airlines abbuzat mill-pozizzjoni dominanti taghha. L-artikolu 9 jipprojbixxi l-abbuz minn intraprizi f'pozizzjoni dominanti fis-suq rilevanti f'Malta jew parti minnha. Li jkollok pozizzjoni dominanti f'suq mhux illegali. Hu l-abbuz li jsir li jista jikser ir-regola. Il-ligi tiddefinixxi s-suq ghal prodott f'Malta, f'parti minnha jew barra minnha bla limiti ta' zmien jew stagun fis-sena. F'dan il-kaz, gustament, l-indagini tal-ufficju iffoka fuq is-servizzi tal-agenti tal-ivvjaggar f'Malta u vjaggi bl-ajru minn u ghal Malta bhala s-suq rilevanti, ghax wara kollox dan hu l-ilment li sar mill-assocjazzjoni li tirrapprezenta l-agenti tal-ivvjaggar f'Malta u l-kummissjoni li tithallas lilhom ghal prodott li qed ibieghu lill-konsumatur li prezumibilment qed ifittex is-servizz tal-agent tal-ivvjaggar fejn hu sitwat cioe f'Malta li hu s-suq rilevanti. Ara f'dan is-sens id-decizjoni **British Airways PLC vs Commission**, (case T219/99, ECR II – 5917) u **Ahmed Seed Flugreisen and Silver Line Reisebüro GmbH vs Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs e.V** (C-66/86, ECR 1989).

Il-kaz C-27/76 **United Brands vs Commission** (1978) spjegat pozizzjoni dominant kif gej:

> Relates to a position of economic strength enjoyed by an undertaking which enables it to prevent effective competition being maintained on the revleant market by giving it the power to behave to an appreciable extent independently of its competitors, customers and ultimately of its consumers.

Prova ta' dominanza hi l-porzjoni tas-suq kontrollat mill-intrapriza li fil-kazistika Ewropea hi marbuta ma' sehem ta' kontroll ta' aktar minn 40 fil-mija tas-suq (ara **Hoffman-La Roche & Co. AG vs Commission** (case 85/76) u **AKZO Chemie vs Commission** (case C-62/86, 1991).

Il-prova teknika ta' kemm il-Swiss International Airlines wahedha u l-Swiss International Airlines flimkien mal-kumpanijiet tal-ajru assocjati ghandhom mis-suq Malti f'dak li hu bejgh ta' biljetti tal-agir mill-agenti f'Malta bejn l-2015 u l-2017 (iz-zmien relevanti biex tigi fomulata indikazzjoni ta' lezjoni) wera illi l-Swiss International Airlines ma ghandhiex l-oghla 'market share' mill-aqwa hames linji li joperaw f'Malta fl-istess perjodu u in oltre irrizulta lil Ufficcju li s-sehem tal-Lufthansa Group ghall-garr ta' passiggieri minn u lejn Malta hu hafna inqas mill-40 fil-mija tas-suq (ara pagni 59

sa 62 tal-process 609/2017MCH), anzi hu zghir hafna komparat per ezempju mal-Air Malta.

Din il-Qorti ma issibx raguni ghaliex ghandha tiddistakka ruhha mill-konkluzzjoni teknika u fattwali raggunta mill-Ufficcju tal-Kompetizzjoni iktar u iktar meta ma saret ebda kritika kostruttiva ta' tali konkluzzjoni. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi la darba s-socjeta konvenuta ma ghandhiex pozizzjoni dominanti fis-suq lokali, ma jistax ikun hemm abbuz, u ghalhekk l-ilment tal-assocjazzjoni attrici tfalli.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-International Air Transport Association, tichad l-eccezzjoni tas-socjeta Swiss International Airlines dwar il-gurisidzzjoni tal-Qorti li tisma l-kawza, u tichad it-talbiet attrici rigward allegat ksur tal-artikolu 5 u 9 tal-Kap. 379 billi ma issibx li hemm tali ksur. Spejjez ghall-assocjazzjoni attrici hlief ghall-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni mressqa minn Swiss International Airlines li ghandha tbati l-ispejjez ta' tali eccezzjoni michuda.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur